



# Francesco Vincenzo Zahra (1710-1773)

*Għeluq it-Tliet Mitt Sena mit-Twelid ta' dan l-artist Senglean*
*Minn Victor Caruana, B.A.(Hons), MA Storja tal-Arti*

L-istorja tal-arti f'Malta hija mżewqa b'numru sabiħ t' artisti li matul iż-żmien ħadmu diversi xogħlijiet li permezz tagħhom sebbħu l-aktar bini mportanti ta' din il-gżira. Fost dawn, insibu wkoll xi artisti Maltin li għamlu ġieh lil art twelidhom u baqgħu jissemmew bħala wħud mill-aqwa esponenti tal-arti tagħhom fiż-żmien partikolari li kienu jgħixu fih. Forsi l-aktar żmien li gawda minn numru kbir ta' xogħlijiet t'artisti Maltin kien dak bejn is-sekli sbatax u tmintax. F'dan il-perjodu, l-attivita' tal-bini ta' knejjes fl-irħula u l-ibliet kif ukoll it-tiżjin tagħhom permezz ta' pittura u skultura sinjura f'elementi barokki bi ħjiel ta' klassiċiżmu, ppreżentaw opportunita' tad-deheb biex il-pitturi u l-iskulturi Maltin juru x'jafu. B'hekk huma setgħu wkoll jagħtu s-sehem tagħhom f'qasam li kien stimulat bix-xogħlijiet li ħallew artisti barranin bħal Mattia Preti u xi alljievi tiegħu, fosthom Giuseppe d'Arena, kif ukoll pitturi oħrajn bħal Enrico Regnaud, Agostino Masucci u Benedetto Luti.

Forsi l-aktar pittur lokali li jispikka fl-istudju ta' dan il-perjodu partikolari ddominat mill-istil Barokk f'Malta huwa Francesco Vincenzo Zahra. Zahra twieled l-Isla u tgħammed fil-parroċċa tal-istess belt nhar il-ħmistax ta' Diċembru 1710. Kienet pjuttost ħaġa naturali li dan il-pittur jinġibed lejn l-arti peress li l-familja tiegħu kienet sinonima mal-iskultura fil-ġebla lokali. Fil-fatt, kemm buznannuh Matteolo Zahra, nannuh Antonio Zahra u missieru Pietro Paolo Zahra kienu rinomati ferm għax-xogħol li wettqu f'bosta knejjes. Huwa kellu wkoll familjari min-naħa t'ommu, Augustina Casanova, li kienu skulturi. Dawn kienu missierha Vincenzo, iz-zijiet Giuseppe u Antonio kif ukoll missier ommha, Mro.Salvatore Grech. Għalhekk, wieħed jista' faċilment jassumi li fi tfulitu Francesco beda jitħarreġ l-ewwel fl-arti tal-iskultura fl-istudju ta' missieru.

Mhux magħruf x'seta' wassal biex it-tieni wild ta' Pietro Paolo Zahra jitlaq is-sengħa ta' familtu biex jaqbad l-arti tal-pittura, għalkemm jidher li huwa xorta baqa' jagħti daqqa t'id lil missieru fl-iskultura li kellu ordnata. Madanakollu, hekk kif kien jidher ċar li Francesco kien imħajjar biex isir pittur, lejn l-1725 huwa daħal alljiev ma' Gio Nicola Buhagiar li kien pittur prominenti ferm fl-ewwel nofs tas-seklu tmintax u li għandu numru kbir ta' xogħlijiet imxerrdin fil-knejjes Barokki tal-gżejjer Maltin. Bil-kontra tal-imgħallem tiegħu, ma jidhirx li Zahra telaq 'il barra minn xtutna biex jistudja l-arti, iżda baqa' jipperfezzjona t-talenti tiegħu fil-bottega ta' Buhagiar. Dan wassal biex Zahra żviluppa l-arti ddominat mill-istil ta' Gio Nicola u mhijiex sorpriża,

1. Mario Buhagiar, The Iconography of the Maltese Islands, Malta 1987, p. 128.
2. Mario Buhagiar, Malta 1987, pp.125, 126.
3. Fl-1726, Zahra jissemma bhala skultur f'ircevuta ta' hlas ghal xi armi li naqqax fit-Torre dello Standardo fl-Imdina: Keith Sciberras, Baroque Painting in Malta, Malta 2009, p.291.
4 Fost ix-xoghlijiet ta' Gio Nicola Buhagiar insibu Il-Madonna tal-Karita' fil-parrocca ta' Haz Zebbug u l-kwadri titulari tal-Vizitazzjoni fl-Gharb u l-Assunzjoni tal-Madonna fil-parrocca ta' Hal Ghaxaq. Buhagiar kien habib ma' missier Francesco Zahra u gieli anke hadmu flimkien fuq l-istess kummissjoni. Din il-hbiberija giet estiza wkoll bejn Francesco



għalhekk, li l-ewwel pitturi fil-karriera ta' Francesco huma simili ħafna għal dawk ta' Buhagiar tant li faċli wieħed jitfixkel min ikun l-awtur proprju tagħhom.

Bit-tifel jiżviluppa f'artist kompetenti, Pietro Paolo Zahra mill-ewwel għaraf li dan seta' kien ta' vantaġġ għalih peress li kummissjoni għal xi dekorazzjoni ta' artal setgħet toħodha kollha l-familja Zahra, bil-missier jagħmel ix-xogħol fl-iskultura u t-tifel jagħmel il-pittura għal magħhom. Min-naħa l-oħra, dan fetaħ il-bibien beraħ biex Francesco jkun jista' juri l-kapaċitajiet tiegħu permezz ta' kummissjonijiet importanti u relevanti li jmexxulu l-karriera tiegħu 'l quddiem, minkejja l-fatt li kien diġa' beda jagħmel xi xogħol ta' pittura indipendentement mill-familja tiegħu. Sas-snin ta' wara l-1730 Zahra kien diġa' beda jistabilixxi ruħu bħala wieħed mill-pitturi ewlenin ta' pajjiżna u b'hekk sar kompetitur għall-imgħallem tiegħu Gio Nicola Buhagiar u Enrico Regnaud fil-kummissjonijiet ta' pittura għal fuq l-artali tal-knejjes Maltin. Dan peress li minkejja li kien għad kellu biss ftit aktar minn għoxrin sena, l-arti ta' Zahra kienet diġa' laħqet livell tajjeb f'dik li hi teknika u invenzjoni. Il-pittur beda juri wkoll ċerta kunfidenza fil-mod kif jaħdem xogħlijiet li kienu kbar fid-daqs tagħhom, kif juru l-kwadri li nsibu fil-kappella ta' San Ġakbu fiż-Żurrieq u li jirrappreżentaw lill-Madonna tad-Dawl ma' San Ġwann il-Battista, l-Annunzjata u l-Madonna tal-Pilar.

Pittura kruċjali fil-karriera prolifika ta' Francesco Zahra kienet l-Istituzzjoni tar-Ružarju Mqaddes, li huwa lesta fl-1740 għall-Parroċċa taż-Żejtun. Permezz ta' din ir-rappreżentazzjoni li tinsab fl-apside tal-kappellun tal-Madonna tar-Ružarju, Zahra bħal donnu ma baqax taħt id-dell ta' Gio Nicola Buhagiar f'dawk li huma fattizzi tal-uċuħ, mudellatura tal-ilbies u tipoloġija tal-figuri iżda wera għall-ewwel darba dawk l-elementi li fis-snin li segwew kellhom jagħmluh l-aktar pittur imfittex f'Malta. Minn issa 'l quddiem, l-uċuħ tipiċi ta' Zahra saru aktar ovali fl-għamla tagħhom filwaqt li l-ilbies sar aktar wiesa u ħaj fit-tgħawwiġ u l-qagħda tiegħu. Mas-snin, Francesco beda juża wkoll sfondi arkitettoniċi fix-xbihat li pitter u l-kuluri tiegħu bdew jagħtu aktar fil-kannella kif nistgħu naraw fil-Madonna taċ-Ċintura fil-Parroċċa ta' Ħal Għargħur u l-Madonna tar-Ružarju fil-Parroċċa ta' Ħal Tarxien fost bosta xogħlijiet oħrajn li wettaq lejn is-snin tal-1740. Dan l-istil tipiku ta' Zahra baqa' jikseb popolarita' kbira iżda minkejja dan is-suċċess li kiseb mal-kummissjonanti Maltin, il-pittur xorta baqa' miftuħ għal xi nfuwenzi u stili oħrajn li ltaqa' magħhom. Hekk ġara meta lejn nofs is-seklu tmintax, huwa ra l-ewwel xogħlijiet li l-pittur Franċiż Antoine Favray beda jaħdem f'Malta u għalhekk, il-forom fil-pitturi tiegħu bdew

Zahra u Buhagiar minkejja li kienu kompetituri ta' xulxin fl-arti. Inzerta wkoll li n-nisa ta' dawn iz-zewg pitturi kienu jigu minn xulxin.

5. Huwa maghruf li Gio Nicola Buhagiar ghamel sentejn u nofs Ruma, fejn din l-esperjenza ghenitu sabiex jistudja xoghlijiet ta' pittura kbar kif ukoll jassorbi xi nfluwenzi artistici tal-pitturi li kienu popolari fil-belt kapitali Taljana matul dak iz-zmien: K. Sciberras, Malta 2009, pp.252, 254.
6. Huwa probabbli wkoll li Francesco seta' kien involut ukoll fl-iskultura ta' dawn il-kummissjonijiet.
7. Fost l-ezempji li nsibu fejn Pietro Paolo Zahra hadem l-iskultura u Francesco ghamel il-pittura ghal maghha nsibu l-apside fejn hemm il-pittura tal-Assunzjoni tal-Madonna fil-parrocca taz-Zejtun (1730) u x-xoghol fil-kappella ta' San Pawl f'H'Attard fejn Francesco Zahra hadem l-Erba' Evangelisti li llum jinsabu fil-knisja parrokkjali tal-istess rahal (1732): K. Sciberras, Malta 2009, p. 292.
8. K. Sciberras, Malta 2009, p. 294. Dawn il-pitturi juru zvilupp kbir mix-xoghlijiet pjuttost kbar li Francesco Zahra kien hadem ftit qabel u li huma San Pawl jghammed lil San Publju u San Pawl Jippriedka li kienu saru ghall-knisja ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta u li mbaghad inbieghu lill-knisja ta' San Duminku tar-Rabat.
K.Sciberras, Malta 2009, p.294.

ikunu aktar ċari u spjegati. F'dan il-perjodu, huwa laħaq il-qofol tal-maturita' artistika tiegħu u għalhekk xogħlu beda għal darb'oħra jieħu xejra oħra, grazzi wkoll għall-interess li donnu beda juri fil-pitturi ta' Mattia Preti u li tagħhom Zahra bħal donnu beda jaddotta xi elementi fir-rappreżentazzjonijiet tiegħu. B'hekk, naraw li l-figuri, partikolarment dawk femminili, bdew isiru aktar robusti u monumentali fil-qagħda tagħhom.

F'dan il-perjodu tal-karriera tiegħu, Francesco pproduċa wħud mill-aqwa xogħlijiet tiegħu, fosthom il-kwadri laterali fil-parroċċa ta' San Filep f'Ħaż Żebbuġ li juru L-Ordinazzjoni ta' San Filep u l-Mewt ta' San Filep (1753) kif ukoll is-saqaf tal-Awla Kapitulari tal-Katidral tal-Imdina, li juri l-Apoteosi ta' San Pawl imdawra minn struttura Barokka fl-aqwa tagħha magħmula prinċipalment minn arkitettura rikka fl-element dekorattiv tagħha bi skrollijiet, arzelli, muzzettuni u rjus ta' kerubini. Din l-arkitettura hija maqsuma f'żewġ tipi permezz tal-kuluri monokromatiċi tagħhom, fejn wieħed huwa magħmul minn grisaille u l-ieħor – dak li huwa muri ftit aktar 'l bogħod – fl-isfar. Inkorporati ma' din id-dekorazzjoni, hemm ukoll numru ta' allegoriji tal-virtujiet insara u numru ta' puttini li jkompli jagħmlu dan is-saqaf wieħed mill-aktar impressjonanti fid-dehra tiegħu u li huwa l-qofol tal-kapaċitajiet ta' Zahra bħala pittur.

Matul il-karriera artistika tiegħu, li ġiet fi tmiemha nhar id-dsatax t'Awwissu tal-1773, Francesco pproduċa bosta tipi differenti t'arti. Apparti kwadri kbar, huwa għamel ukoll pitturi żgħar u sottokwadri bħal m'huwa dak ta' San Publju li jinsab fil-kappella tas-sagristija ta' Ħaż Żebbuġ. Pitter ukoll bosta ritratti ta' individwi bħal dawk tal-Isqof Giovanni Pellerano (kollezzjoni privata), Don Giuseppe Testaferrata (li jinsab fis-Sagristija tal-Parroċċa taż-Żurrieq) u anke awto-ritratt tiegħu nniffsu li jinsab fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti fil-Belt Valletta. Wettaq ukoll numru ta' disinji għal bosta għamara ekkleżjastika, artali tal-irħam, oġġetti tal-fidda u bosta objets d'art oħra li għadhom jintużaw sal-lum-il ġurnata u huma xhieda tal-kapaċitajiet kbar ta' dan l-artist li kien protagonist ewlieni fil-formazzjoni tal-arti Barokka f'Malta.

## Xogħol Francesco Zahra f'Birkirkara: Il-Kwadru Titulari ta' Sant'Elena

B'pittur ta' dan il-kalibru fl-aqwa tal-maturita' artistika tiegħu, ma kinitx sorpriża li meta l-Karkariżi ġew biex jordnaw il-kwadru titulari l-ġdid għall-Kolleġġjata tagħhom daru proprju fuq Francesco Zahra sabiex iwettqu. Tabilħaqq, kienet għażla tassew għaqlija dak li għamlu missirijietna għax il-pittura ta' Sant'Elena u s-Salib Imqaddes li nkixfet fl-1763 hija waħda mill-aqwa xogħlijiet ta' dan il-pittur u kwadru titulari denju ta' dan it-tempju maestuż.

Il-kwadru, li huwa ddominat minn figuri monumentali b'disinn mill-aqwa, huwa ambjentat qalb bini klassiku u t-tifrik ta' tempju pagan u juri lil Sant'Elena li qed tippreżenta s-Salib Imqaddes lill-ispettatur. Hija tinsab ukoll imdawra b'numru ta' personaġġi, fosthom San Makarju – Isqof ta' Ġerusalemm – li qed jagħti ftit tejatriċita' ristretta lill-pittura. Fin-naħa ta' fuq

9 K.Sciberras, Malta 2009, p.294.

10 Fost l-ezempji li juru dan insibu l-kwadri laterali fil-Bazilika ta' San Gorg f'Ghawdex u dawk tal-parrocca ta' San Nikola fis-Siggiewi: K.Sciberras, Malta 2009, p.306.



Il-Kwadru titulari ta' Sant' Elena, xogħol ta' Francesco Zahra





tat-tila hemm grupp ta' puttini ħerġin mis-sħab u li qed iħarsu lejn ix-xena ta' taħthom u lejn l-Ispirtu s-Santu li min-naħa tiegħu donnu ħiereġ minn nofshom biex idawwal il-figura tal-Imperatriċi.

Element li jispikka ferm fil-kompożizzjoni li Zahra ħoloq f'din it-tila huwa t-trijangolu li huwa magħmul minn Sant'Elena – li hija l-figura prinċipali u għalhekk tinsab fil-quċċata tiegħu. Dan it-trijangolu huwa enfasizzat aktar permezz tal-ġesti tal-figuri msemmija li kollha qed jixħtu għajnejn l-ispettatur fuq Sant'Elena u anke permezz tal-aħmar fl-ilbies tagħhom li, mpoġġi bil-għaqal fit-truf tal-kwadru, jispikka fix-xena bla ma jtellef mill-attenzjoni mogħtija lill-qaddisa.

Minbarra dan it-trijangolu ta' figuri, fil-kompożizzjoni hemm ukoll moviment li jagħti ċertu fond lill-pittura. Dan huwa magħmul mill-pożizzjonijiet li fihom ġew impoġġija n-nies li qed jixhdu għas-sejba qaddisa tal-Imperatriċi Rumana. Dan il-moviment idur dawra mejt mal-personaġġ prinċipali u jibda mill-figura tar-raġel bit-turban, idur mas-salib u Sant'Elena permezz tat-tliet figuri fuq ix-xellug tal-ispettatur (wieħed minnhom jidher biss fl-ispazju bejn is-salib, l-id u l-mant mal-qadd tal-qaddisa) u jerġa' jiġi lura lejn il-parti ta' quddiem tal-kwadru permezz tar-raġel li qed jittawwal minn wara l-Isqof Makarju, il-figura femminili li tinsab eżatt fir-tarf tat-tila u l-karattru tal-Isqof nniffsu u ż-żagħżugħ li qiegħed f'diskussjoni miegħu. Dan il-moviment, magħmul ukoll mill-ħars tan-nies imsemmija, imbagħad jerġa' jwassalna għall-figura ta' Sant'Elena.

Ġustament, f'din il-pittura kollox idur max-xbiha tal-patruna ta' Birkirkara, kif għadna kemm rajna. Għalhekk, huwa pjuttost ovvju li Zahra ħass li kellu jpitter lill-qaddisa fl-aqwa mod possibli. Fil-fatt, minbarra li tinsab mgħollija fuq podju li donnu maqtugħ fil-blat, hija tidher f'poża raffinata u rjali fejn tispikka l-monumentalita' tal-figura. L-influwenza li l-pittur Franċiż Antoine de Favray (1706-1798) kien qed iħalli fuq il-pittur Malti ma tidhirx biss mid-daqqiet tal-pinzell u t-teknika wżata iżda wkoll mill-qagħda tal-qaddisa li tixbaħ ferm lil dik tal-Gran Mastru Emmanuel Pinto de Fonseca fil-pittura li tinsab fis-sagristija tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-belt Valletta. Din il-poża kunfidenti u pompuża, mgħejjuna mill-ħarsa diretta ta' Sant'Elena lejn l-ispettatur, tiġbed l-attenzjoni tal-individwu u tidderiġiha lejn is-salib kbir u tqil li tiela' minn fuq il-fdal imkisser tal-istatwa ta' Venere li għaliha kien iddedikat it-tempju fuq l-għolja tal-Kalvarju (simbolu tar-rebħa tas-salib fuq il-paganiżmu). Min-naħa tiegħu, dan is-salib jitfa ħarset l-ispettatur lejn il-ħamiema bajda li tirraffigura l-Ispirtu s-Santu u li hija s-sors tad-dawl f'din il-pittura. Il-puttini li qed jokkupaw il-parti ta' fuq tal-kwadru mhux biss iżidu l-element dekorattiv fix-xena iżda wkoll jibbilanċjaw il-kompożizzjoni u l-ftit moviment li hemm fil-parti ta' taħt tar-rappreżentazzjoni.

11 Id-data tal-kwadru tidher impittra fuq il-gebla li fuqha qed ipoggi saqajh il-pagg fuq ix-xellug tal-qaddisa.



**It-Twaqqif tal-Ewkaristija Mqaddsa**

Kwadru ieħor ta' Francesco Zahra li jinsab fil-Kolleġġjata ta' Sant'Elena huwa dak li jinsab fil-kappella tas-Santissimu Sagrament u li juri t-Twaqqif tal-Ewkaristija Mqaddsa. Din it-tila turi sinjali ta' maturita' fl-arti ta' Zahra u dan jista' jagħti ħjiel li hija kienet saret żgur wara l-aħħar snin tal-1740. Fiha naraw lill-figura ta' Ġesu' Kristu b'id waħda fuq sidru b'sinjal ta' qima filwaqt li bl-id l-oħra qiegħed iżomm fuq kalċi dehbieni l-ostja Mqaddsa li qed iddawwal il-kamra li fiha hija ambjentata din ix-xena. Quddiemu, l-pittur poġġa lil San Pietru għarkopptejh b'idejh flimkien iħares lejn l-imgħallem tiegħu b'devozzjoni. Fil-qrib, naraw ukoll l-imfietaħ tas-saltna tas-smewwiet mal-art filwaqt li San Ġwann jidher fuq il-ġenb l-ieħor ta' Kristu, fit-tarf nett tat-tila. Dawn il-figuri prinċipali, imbagħad, huma akkumpanjati mill-bqija tal-appostli li jinsabu warajhom. Filwaqt li l-parti l-kbira minnhom qed jintilfu fid-dlam tal-kamra u permezz t'hekk qed jingħata fond lill-kwadru, huma qed ikunu xhieda ta' dan il-mument saljenti u mportanti fil-ħajja ta' Kristu u fit-twemmin u l-fidi tal-Knisja Kattolika. Sabiex jenfasizza dan il-punt, Zahra żied element interessanti f'din ir-rappreżentazzjoni u li hi pjuttost rari, biex ma ngħidx unika, f'pitturi tal-istess suġġett. Dan huwa l-figura tal-Missier Etern, li jinsab muri b'mod maestuż ħiereġ mis-sħab b'idejh miftuħin fuq il-parti ta' fuq tal-kwadru u li fuqu qed jirrifletti ftit mid-dawl li qed joħroġ mill-ostja fiċ-ċentru tal-pittura. Imdawrin ma' din il-figura, Zahra nkluda wkoll l-Ispirtu s-Santu f'forma ta' ħamiema bajda u numru ta' puttini u rjus ta' kerubini sabiex iżidu l-aspett divin f'dan il-mument sagru.

Il-kompożizzjoni bilanċjata ta' din il-pittura hija tassew interessanti u magħmula bi ħsieb. Tajjeb li wieħed jinnota kif l-ostja divina qegħda taqsam in-numru tal-appostli murija, b'sitta fuq kull naħa tagħha. Bla dubju ta' xejn, l-attenzjoni tal-ispettatur tmur fuq il-figuri monumentali ta' Kristu, Pietru u Ġwanni u dan mhux biss għax huma l-personaġġi li l-aktar li jidhru u jokkupaw spazju fit-tila iżda wkoll minħabba l-kuluri vibranti tal-ħwejjeġ tagħhom li huma magħmula minn pjiegi kbar u wiesa' li jagħtu volum lill-figuri. Minkejja l-importanza prinċipali ta' Kristu, Zahra ma poġġiehx eżatt fiċ-ċentru iżda ressqu ftit lejn il-lemin tal-kwadru. Dan sabiex fin-nofs tal-kompożizzjoni jħalli l-ostja u b'hekk l-attenzjoni fl-aħħar mill-aħħar tmur fuqha peress li, fuq kollox, tirrapreżenta wkoll lil-ġisem ta' Kristu stess bl-istess mod kif il-kalċi ta' taħtha qed jirrafigura lil demmu. Biex xejn ma jtellef minn dan l-effett, il-pittur elimina kull ħaġa oħra minn fuq il-mejda tal-ikla ħlief għal plattin li fuqu hemm numru ta' ostji żgħar, lesti biex jiġu mqarbna lill-appostli. Ta' min jinnota wkoll kif il-figuri ta' Pietru u Ġwanni qed ikollhom reazzjonijiet differenti għal dak li qed jaraw jiġri quddiemhom. Dan għax filwaqt li San Pietru donnu jidher mitluf iħares bil-qima lejn l-imgħallem tiegħu, Ġwanni jinsab mifxul u maħsud bl-idea ta' transubstanzjazzjoni li qed tigi murija lilu f'dan il-mument partikolari, kif jidher ċar mill-ġesti ta' jdejh. Jekk wieħed jidħol aktar fid-dettall ta' dak li ppjana Zahra għall-bqija tal-kwadru, naraw kif il-mejda, mgħottija bl-abjad bħala sinjal ta' safa u purezza kif jixraq lil mument divin bħal

12 K.Sciberras, Malta 2009, p.300.





dan, tissepara b'mod orizzontali x-xena ta' Kristu u l-appostli qrib tiegħu minn mal-bqija tal-kamra. 'L fuq mill-mejda, naraw kif jinħoloq trijangolu li bħala bażi tiegħu għandu appuntu l-mejda u li jibda jidjieq permezz tal-ġesti u l-pożizzjonijiet tal-appostli u l-puttini sakemm fl-aħħar jintemm fil-figura tal-Missier Etern, li qed jgħin ukoll sabiex jinkiseb bilanċ bejn il-parti ta' fuq tal-kwadru mal-parti ta' taħt. Permezz tal-preżenza tal-Missier Etern, qed issir referenza wkoll lejn it-Trinita' Qaddisa għax eżatt taħtu fin-nofs tal-kwadru hemm ukoll l-Ispirtu s-Santu li qed jixħet ftit dija dgħajfa fuq l-ostja mqaddsa li min-naħa tagħha qed tirrapreżenta wkoll lil Kristu li qed iżommha.

**Konklużjoni**

Il-kwadri ta' Sant'Elena u s-Salib Imqaddes u t-Twaqqif tal-Ewkaristija Mqaddsa huma fost l-aqwa xogħlijiet li Francesco Zahra ħalla warajh. Saru fi żmien meta huwa laħaq livelli artistiċi għoljin ħafna kif ukoll meta beda jibrilla fl-invenzjonijiet fil-kwadri tiegħu. Iż-żewġ kwadri msemmija hawn fuq għandhom disinn impekkabli kif ukoll kompożizzjonijiet li forsi għalkemm it-tqassim tagħhom jista' jkun pjuttost simili għal xulxin, huma magħmula b'mod pulit u ordinat. Il-Karkariżi tal-lum għandhom ikunu konxji tal-valur kbir li għandhom dawn iż-żewġ kwadri u b'hekk jaraw li jkomplu jieħdu ħsiebhom b'mod professjonali kif meħtieg sabiex jibqgħu jitgawdew għal numru kbir ta' snin oħra u jibqgħu wkoll xhieda tal-kapaċitajiet kbar tal-pittur Malti Francesco Vincenzo Zahra.